**8 ta' Settembru**

**It-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija - Solennita'**

## QARI I

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Mikea** (Mikea 5: 1-4a)

Dan jgħid il-Mulej: Int, Betlehem Efrata, ċkejkna biex tkun fost il-familji ta' Ġuda, minnek għad joħroġli dak li jkun ħakem f'Israel; hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem, sa minn dejjem.

Għalhekk il-Mulej jitlaqhom sa ma teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas; imbagħad il-bqija ta' ħutu jerġgħu lura fost ulied Israel, u hu joqgħod jirgħa l-merħla tiegħu bil-qawwa tal-Mulej, fis-sebħ ta' isem il-Mulej, Alla tiegħu. U huma jgħammru, għax issa tkun kbira setegħtu sat-trufijiet tal-art. U dan ikun is-sliem!

**Il-Kelma tal-Mulej.**- R/. Irroddu ħajr lil Alla.

## SALM RESPONSORJALI (Salm 12)

**R/. Nifraħ b'ferħ kbir fil-Mulej!**

Jien fit-tjieba tiegħek, Mulej, ittamajt;

tifraħ qalbi fis-salvazzjoni tiegħek.

**R/. Nifraħ b'ferħ kbir fil-Mulej!**

Ngħanni lill-Mulej, għax għamilli l-ġid:

ngħanni lill-isem tal-Mulej, il-Għoli.

**R/. Nifraħ b'ferħ kbir fil-Mulej!**

## QARI II

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu li-Rumani** (Rum 8: 28-30)

Ħuti:
Aħna nafu li Alla,
ma' dawk li jħobbuh,
ma' dawk li huma msejjħin skond il-provvidenza tiegħu,
f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom.
Għax lil dawk li hu għarafhom mill-bidu,
ippredestinahom ukoll
biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu,
ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa;
lil dawk li ppredestinahom,
sejħilhom ukoll;
lil dawk li sejħilhom,
iġġustifikahom ukoll;
lil dawk imbagħad li ġġustifikahom,
igglorifikahom ukoll.

**Il-Kelma tal-Mulej.** - R/. Irroddu ħajr lil Alla.

## AKKLAMAZZJONI QABEL L-EVANĠELJU

R/. Hallelujah.

Hienja int, Verġni mqaddsa Marija, u tassew jistħoqqlok kull tifħir:
minnek twieled Kristu Alla tagħna, ix-Xemx tal-ġustizzja.

R/. Hallelujah.

**8 ta' Settembru**
**It-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija - Solennita'**

## EVANĠELJU

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew.** (Mt 1: 1-16. 18-23)

Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, Bin David, bin Abraham. Abraham nissel 'l Iżakk, Iżakk nissel 'il Ġakobb, Ġakobb nissel 'il Ġuda u 'l ħutu, Ġuda nissel 'l Aram, Aram nissel 'il Għaminadab, Għaminadab nissel 'il Naħson, Naħson nissel 'il Salmon, Salmon nissel 'il Bogħoż, minn Raħab, Bogħoż nissel 'il Għobed, minn Rut, Għobed nissel 'il Ġesse.

Ġesse nissel lis-sultan David, David nissel 'il Salamun, mill-mara ta' Urija, Salamun nissel 'il Robogħam, Robogħam nissel 'l Abija, Abija nissel 'l Asa, Asa nissel 'il Ġosafat, Ġosafat nissel 'il Ġoram, Ġoram nissel 'il Għużżija, Għużżija nissel 'il Ġoatam, Ġoatam nissel 'l Aħaż, Aħaż nissel 'il Ħeżekija, Ħeżekija nissel 'il Manasse, Manasse nissel 'l Amon, Amon nissel 'il Ġosija, Ġosija nissel 'il Ġekonija u 'l ħutu; kien żmien l-eżilju f'Babel.

Wara l-eżilju f'Babel, Ġekonija nissel 'il Salatjel, Salatjel nissel 'il Żorobabel, Żorobabel nissel 'l Abihud, Abihud nissel 'l Eljakim, Eljakim nissel 'l Ażor, Ażor nissel 'il Sadok, Sadok nissel 'l Akim, Akim nissel 'l Elihud, Elihud nissel 'l Elgħażar, Elgħażar nissel 'il Mattan, Mattan nissel 'il Ġakobb, Ġakobb nissel 'il Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesù, li jsejħulu Kristu.

It-tnissil ta' Ġesù Kristu sar hekk: Ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, ħarġet tqila bil-

ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust u li ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel f'rasu li jibgħatha bil-moħbi tan-nies. Wara li qatagħha li jagħmel hekk, deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, la tibżax tilqa' għandek lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġie bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Hi jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom".

Dan kollu ġara biex iseħħ li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: 'Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El', li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'.

**Il-Kelma tal-Mulej.** - R/. Tifħir lilek Kristu.